MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 2333/2004/1

**Ahmed Kamal El Din**

**vs**

**1. Aaron Sultana u**
**2. John Cuschieri, Vincent Cuschieri Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-7 ta' Diċembru, 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 1,500.00 (elf u ħames mitt lira Maltija) rappreżentanti danni kkawżati konsegwenza ta' inċident tat-traffiku li seħħ fl-14 ta' Ġunju, 2004 f'San Ġiljan.

Fl-Avviż tat-talba intqal :-

Illi l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI 975 misjuqa mill-konvenut John Cuschieri kkawżat danni fl-ammont ta' elf u ħames mitt liri Maltin (Lm 1,500) f'inċident awtomobilistiku li seħħ fl-14 ta' Ġunju, 2004 għall-ħabta tan-12.30 p.m. fi Triq Wilġa, San Ġiljan, Paceville, fuq il-vettura propjeta' ta' l-attur tal-marka Nissan Sunny li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni EAA 403.

Illi l-konvenut John Cuschieri bħala propjetarju tal-vettura nvoluta fl-inċident, ossija li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni BBI 975 ppremetta lill-konvenut, Aaron Sultana isuq l-istess meta s-sewwieq ma kienx kopert minn polza ta' assigurazzjoni.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' l-avviż sad-data tal-ħlas eventwali, ilkoll kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta' John Cuschieri fejn ingħad :-

1. Illi l-konvenut John Cuschieri mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.
2. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.
3. Illi l-konvenut Aaron Sultana qatt ma kien awtorizzat isuq il-vettura in kwistjoni kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni.
4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, John Cuschieri ma jistax jinżamm responsabbli għad-danni kkawżati minn Aaron Sultana.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Ra r-risposta ta' Aaron Sultana fejn ingħad :-

Illi t-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut Aaron Sultana hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi respinta bl-

ispejjeż kollha kontra l-istess attur, stante li l-konvenut Aaron Sultana ma kienx responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-14 ta' Ġunju, 2004 għall-ħabta tan-12.30 p.m. fi Triq Wilga, Paceville, bejn il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EAA 403. Illi di piu' u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut Aaron Sultana għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u t-talbiet ta' l-attur għandhom unikament jiġu diretti lejn il-konvenut John Cuschieri, stante li l-konvenut John Cuschieri ippermetta lill-konvenut Aaron Sultana isuq il-vettura BBI 975, meta kien konsapevoli tal-fatt li s-sewwieq ma kienx kopert minn polza ta' assikurazzjoni.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut, għandha tiġi respinta minn dan l-Onorabbli Tribunal, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawża si tratta ta' danni mill-attur wara ħabta ma' trakk misjuq mill-konvenut Aaron Sultana waqt li l-karozza tiegħu kienet ipparkjata.

Jibqa' biex jingħad illi l-attur ma kellux għalfejn jiġi kostretti jieħu dawn il-proċeduri minħabba każ sempliċi bħal dan, aktar u aktar meta huwa terza persuna innoċenti li ma kellux x'jaqsam xejn, jew b'xi mod ikkontribwixxa għall-istess inċident.

Il-kwistjoni hija bejn iż-żewġ konvenuti, Cuschieri bħala propjetarju u Sultana bħala x-xufier. Il-pendenza bejnithom ma kellhiex tiġi deċiża billi ikun l-attur li jrid jieħu dawn il-proċeduri. L-attur messu kellu jiġi mħallas imbagħad dawn jarawha bejniethom.

Il-kontestazzjoni ta' bejn il-konvenuti hija wieħed li ma kienx tort tiegħu u l-ieħor li ma kellux insurance. F'dan is-sens it-Tribunal jagħmel riferenza għall-kawża fl-ismijiet "Lora Formosa et vs Emanuel Spiteri et" fejn punt simili ġie deċiż u fejn anki sid il-vettura, una volta li ma kellux il-

vettura koperta kif suppost biex tiġi misjuqa minn persuna li kienet impjegata minnu jew fuq istruzzjonijiet tiegħu saqet l-istess vettura kellu jiġi ukoll ritenut responsabbli għall-istess kolliżjoni.

Il-kwistjoni ta' bejniethom jarawha huma stess għax għall-attur ħija res interiosacta.

Illi l-quantum tad-danni għalkemm ġie kontestat pero` l-ammont mitlub mill-attur f'dawn il-proċeduri huwa inqas fil-fatt minn dawk li effettivament kienu dovuti lilu billi rriduċa t-talba sabiex tkun taqa' taħt din il-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Jiddeciedi għalhekk billi fil-waqt li jiċħad l-eccezzjoni tal-konvenuti, jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lill-attur is-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 1,500) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenuti in solidum ukoll."

Appella minn din is-sentenza l-konvenut John Cuschieri li talab li jigi ezonerat mir-responsabilita` ghall-incident. B' obbjezzjoni, fil-kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-meritu maghmul mit-Tribunal, huwa jikkontendi li, se mai, kien il-konvenut l-iehor responsabbli ghas-sinistru. Dan anke ghaliex dan il-konvenut qabad u saq il-vettura minghajr awtorizzazzjoni meta kien espressament ipprojbit milli hekk jaghmel;

Oltre dan l-aggravju l-appellanti ssottometta wkoll b' ilmenti illi:-

(1) Is-sentenza hi irrita u nulla billi l-okkju jinkludi wkoll is-socjeta` Vincent Cuschieri Limited u dan jippregudika serjament lil din is-socjeta`;

(2) Fl-ebda parti tas-sentenza ma giet dikjarata r-responsabilita` tal-konvenuti jew min minnhom u t-Tribunal ghadda direttament ghall-kundanna minghajr ma ezamina d-dinamika ta' l-incident u min verament kien responsabbli ghall-istess;

Fermi dawn l-obbjezzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li qabel konsiderazzjoni ta' l-aggravju fil-mertu ghandha qabel xejn tiddisponi mill-ahhar zewg ilmenti appena riprodotti;

Fir-rigward tal-pregudizzjali ta' l-irritwalita` tas-sentenza jigi notat illi l-okkju tal-kawza mhux biss ma huwiex difettuz imma hu konformi ghall-okkju ta' l-avviz promotur. Barra minn dan, il-kwestjoni tal-pregudizzju o meno tmiss se mai lis-socjeta` Vincent Cuschieri Limited u mhux ukoll lill-appellanti. Dan ghaliex eccezzjoni ta' nullita` relattiva tispetta lil persuna direttament milquta u mhux lil kull litiskonsorzju. L-ilment hu allura ghal kollox insostenibbli;

Fil-kaz ta' l-ilment l-iehor ghandu mis-sewwa dak sottomess mill-appellanti illi t-Tribunal ma ezaminax kif jixraq id-dinamika ta' l-incident u l-aspett tar-responsabilita` naxxenti minnu. Hi fil-fatt il-fehma ta' din il-Qorti illi l-konkluzjoni raggunta ma kienetx bizzejjed biex tirrizolvi l-kwestjonijiet sollevati bl-eccezzjonijiet tal-partijiet fil-kawza, li s-soluzzjoni taghhom kienet indispensabbli biex it-Tribunal seta' jipprovdi kif imiss fuq it-talba ta' l-attur. Effettivament fuq dawn il-kwestjonijiet, senjatament dik relattiva ghar-responsabilita`, it-Tribunal fis-sentenza appellata ma esprima ebda opinjoni izda illimita ruhu, b' leggerezza kbira, ghall-kumment illi l-attur ma kellux ghalfejn ikun kostrett jiehu l-proceduri. Issa huwa veru illi skond l-Artikolu 9 (2) (a) ta' l-Att V ta' l-1995 il-kawzi jridu jinqatghu sommarjament. Dan pero`, ma jfisserx, imbaghad illi ma kellhiex tigi identifikata kif jixraq il-*causa* li tat lok ghas-sinistru u min kien responsabbli ghaliha. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkolma din l-lakuna fil-kors tal-konsiderazzjoni ta' l-aggravju fil-mertu;

Jidher li l-incident sehh meta l-vettura misjuqa mill-konvenut Aaron Sultana baqghet diehla fil-karozza ta' l-attur li f' dak il-mument kienet parkeggjata. Di regola, il-htija trid tigi ppruvata minn min jallegaha. Jezistu pero`

kazi fejn l-incident u d-dinamika tieghu jhallu l-impronta ta' htija, b' mod li min jipprova l-fatti ta' l-incident ghandu jinftiehem li pprova wkoll il-htija. F' kaz bhal dan jaggrava bi dmir fuq min kien kagun ta' l-incident li jipprova li hu ma kellux htija ghall-iskontru. Issa f' dan il-kaz is-sewwieq Sultana jitlaq mill-punt illi hu dahal fil-vettura ta' l-attur ghaliex din ma kienetx parkeggjata sew (ara d-dikjarazzjoni tieghu fir-Road Accident Report, fol. 37). Invece meta ddepona quddiem it-Tribunal mhux biss ma rrilevax dan il-fatt talli ammetta illi "ma kkalkulajtx u qbadtha bil-*bumper* ta' quddiem" (ara xhieda tieghu, fol. 56);

Huwa desumibbli minn dan illi l-fattur determinanti ghall-incident u kawza immedjata u prossima tieghu ma kienx il-fatt ta' l-allegat ipparkeggjar hazin tal-vettura ta' l-attur izda l-agir tas-sewwieq Sultana li ma kkalkolax sew. L-attur ma kkawza ebda infrazzjoni kontravvenzjonali bil-mod kif ipparkja l-karozza tieghu u ma jirrizultax li holoq xi ostakolu inaspettat jew ta' sorpriza jew ta' emergenza ghall-konducenti ohra. Fi kliem iehor, ma pprovokax l-incident u lanqas ikkontribwixxa ghalih. It-tort kien esklussivament tad-*driver* Sultana li ma kkalkolax sew dak, li kif ukoll ammess minnu, kien "*in plain view*". Jigi wkoll notat illi dan is-sewwieq akkwieta ruhu ghas-sentenza u ma ntroduca ebda appell minnha;

Premessa din ir-responsabilita`, f' kazijiet ta' din ix-xorta ko-involgenti wkoll sid il-vettura, kawza ta' l-incident, trid dejjem issir distinzjoni bejn il-persuna responsabbli ghall-habta u dak talvolta tenut ghar-rizarciment tad-danni konsegwenzjali;

In linea ta' massima generali sid ta' karozza mhux responsabbli ghad-danni kagjonati b' dik il-karozza minhabba incident li fih ikun involut impjegat tieghu. Jidhol hekk fir-responsabilita` jekk jinstab li hu ppermetta lil dan l-impjegat tieghu li saq il-karozza meta dan ma kienx persuna licenzjata ssuq jew, bhal f' dan il-kaz, meta

ma kienx hekk ikkonsentit mill-polza ta’ l-assikurazzjoni illi l-vettura assigurata tinsaq minn *driver* taht il-25 sena;

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-rizultanzi probatorji f’ dan il-kuntest u tista’ tghid li ma taqbel xejn mal-kunsiderazzjoni sottomessa mill-appellant b’ difiza illi l-konvenut l-iehor Aaron Sultana ma kienx awtorizzat isuq il-vettura. F’ dan il-Qorti ma tistriehx biss fuq ix-xhieda ta’ dan Sultana li kjarament jiddikjara li “l-ordni biex insuq tahieli l-istess John Cuschieri” (fol. 57) minhabba li “konna neqsin mill-istaff” (fol. 55) izda wkoll fuq l-evalwazzjoni taghha tax-xhieda ta’ l-istess appellant. Mistoqsi in kontroezami jekk dakinhar kienx hemm “*shortage of staff*” u tax struzzjonijiet lil Sultana biex isuq, hu wiegeb li “ma niftakarx”. Risposta bhal din, fil-fehma tal-Qorti, meta mizurata skond il-kriterji soliti tal-kredibilita`, tal-konsistenza u tal-verosimiljanza, mhix bizzejjed biex teskludi il-versjoni supplita mill-konvenut Sultana, li, anzi, kien aktar kategoriku fid-deposizzjoni tieghu. Il-Qorti fil-fatt tasal biex temmen din il-versjoni kontra dik ta’ l-appellanti u ssib li din hi aktar veritiera u fededenja. Jigi allura illi l-appellant ma pprovax, ghal konvinciment tal-Qorti, l-assunt tieghu illi hu ma kienx awtorizza jew ippermetta dik il-gurnata lill-impjegat tieghu Sultana milli jsuq il-vettura li biha eventwalment habat. Taht dan il-profil il-konkluzjoni fis-sentenza appellata ma tistax titqies censurabbli u t-Tribunal ghamel sew li sab lill-appellanti solidalment responsabbli mal-konvenut l-iehor anke jekk kien dan li materjalment ikkaguna d-danni. Dan anke ghaliex il-bicca tad-dannu li kull wiehed miz-zewg konvenuti kkaguna bl-ghemil tieghu ma tistax tigi stabbilita (Artikolu 1050, Kodici Civili).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma l-konkluzjoni tas-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------